**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/059 |
| **Allegazzjoni:** | Ħatriet abbużivi ta' qraba ta' ministri |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 2 ta' Marzu 2023 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 22 ta' Lulju 2024 |

**L-Ilment**

1. Fit-2 ta' Marzu 2023, il-Prof. Arnold Cassola (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jitlob investigazzjoni tal-"*mod sfaċċat li bih dawn il-ministri jidħlu f'kompliċità bejniethom biex jaħtru qraba tagħhom bħala diretturi ta' entitajiet tal-gvern*." L-Ilmentatur qal li l-ministri konċernati kienu qegħdin "*Jiddieħqu bl-ispirtu tal-kodiċi ta' etika tal-ministri u jitmejlu f'wiċċna t-taxpayers, waqt li jixorbulna t-taxxi tagħna ħalli jżoqqu lil qrabathom*."

2. L-ilment kien jirrigwarda artiklu li deher fil-ġurnal elettroniku *The Shift* fl-istess ġurnata intitolat "*What ministerial code of ethics? Dalli makes Galdes' wife a WasteServ director*".[1] L-artiklu allega li xi ministri ħatru l-qraba ta' xulxin bħala membri ta' bordijiet tal-gvern u f'karigi oħra mal-gvern sabiex iduru mal-kodiċi ta' etika ministerjali, li jipprojbixxi ministru milli jagħti ħatriet lil membri tal-familja tiegħu.

3. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

1 Ara https://theshiftnews.com/2023/03/02/what-ministerial-code-of-ethics-dalli-makes-galdes-wife-a-wasteserv-director/.

## Il-Kuntest

4. L-artiklu tal-ġurnal *The Shift* tat-2 ta' Marzu 2023 jallega li "*In what has become something of a trend in Cabinet circles of late, ministers are being allowed to bypass the very spirit of their own code of ethics by having their immediate family members employed or appointed as consultants by other ministers*." L-artiklu jirreferi għal numru ta' ħatriet partikolari.

5. Fl-1 ta' April 2023, *The Shift* ippubblika artiklu intitolat "*Two more ministers' partners appointed to a government company board*".[2] Dan l-artiklu jkompli ma' ta' qablu u jsemmi xi ħatriet oħra.

## Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni

6. L-esponent deherlu li kellu jieħu in konsiderazzjoni ż-żewġ artikli ta' *The Shift* li jissemmew fuq, għalkemm l-ilment irrefera għall-ewwel wieħed biss.

7. Mhux il-ħatriet kollha li jissemmew fiż-żewġ artikli huma ħatriet mogħtija minn ministri lill-qraba ta' ministri oħra. L-artikli jirreferu fost oħrajn għal ħatriet ta' persuni li mhumiex qraba ta' ministri jew segretarji parlamentari, u ħatriet f'karigi permanenti ma' entitajiet tal-gvern li jingħataw minn dawk l-entitajiet, mhux mill-ministru konċernat.

8. Fid-dawl tal-ilment, l-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju ffokat fuq dawk l-istanzi li jissemmew fiż-żewġ artikli fejn ħatra li hija fid-diskrezzjoni ta' ministru jew segretarju parlamentari ngħatat lil persuna li hija qarib ta' ministru jew segretarju parlamentari ieħor. Il-ħatriet li ġew investigati huma:

(i) il-ħatra mill-Onor. Ministru Miriam Dalli tas-Sinjura Joanne Galdes (mart l-Onor. Roderick Galdes) bħala membru tal-bord tad-diretturi tal-WasteServ;

(ii) il-ħatra mill-Onor. Ministru Anton Refalo ta' Dr Maxilene Bonett (mart l-Onor. Chris Bonett) bħala konsulenta;

(iii) il-ħatra mill-Onor. Ministru Silvio Schembri tas-Sinjura Remenda Grech u s-Sinjura Claudia Cuschieri, partners rispettivi tal-Onor. Owen Bonnici u

[2] Ara https://theshiftnews.com/2023/04/01/two-more-ministers-partners-appointed-to-a-government-company-board/.

l-Onor. Andy Ellul, bħala membri tal-bord tad-diretturi ta' Kordin Grain Terminal; u

(iv) il-ħatra mill-Onor. Ministru Jonathan Attard ta' Dr Deborah Camilleri (mart l-Onor. Clint Camilleri) bħala Avukat għall-Għajnuna Legali.

9. *The Shift* semmiet ukoll il-ħatra tas-Sinjura Amanda Muscat bħala konsulent fil-Ministeru għal Għawdex, iżda dan il-każ ġie eskluż għaliex huwa s-suġġett ta' investigazzjoni separata.

10. L-esponent ikkunsidra dan l-ilment a bażi tal-artikoli segwenti tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li huwa nkluz fil-Kap. 570 tal-ligijiet ta' Malta, u ċioè:

*4.5 Il-Ministri għandhom jaraw li d-dipartimenti governattivi u l-entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tagħhom jitmexxew tajjeb u b'għaqal.*

*5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

*5.4 Oġġettività – fil-qadi tad-doveri pubbliċi, inkluż fil-ħatriet għall-karigi, l-għoti ta' kuntratti, jew fil-kuntest ta' kull għoti ta' benefiċċji.*

*7.7 Il-Ministri għandhom ikunu ispirati mill-mertu u kapaċitajiet fil-ħatriet u karigi li jagħmlu u għandhom jikkonsultaw mal-Prim Ministru dwar ħatriet ta' chairpersons u membri ta' bordijiet.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

11. Fit-22 ta' Awwissu 2023 dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministri Miriam Dalli, Anton Refalo, Silvio Schembri u Jonathan Attard biex jgħarrafhom bl-ilment, jitlob ir-reazzjonijiet tagħhom b'mod ġenerali dwaru, u jistaqsihom x'kienu l-konsiderazzjonijiet li wasslu għall-ħatriet elenkati fil-paragrafu 8 ta' dan ir-rapport. It-tweġibiet tal-Ministri huma annessi bħala d-**Dokumenti B sa E**.

12. Fil-25 ta' April 2024, dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lill-Ministri konċernati sabiex jgħarrafhom bir-risposti ta' xulxin għall-finijiet tal-artikolu 18(3) tal-Kap. 570, u joffrilhom l-opportunità biex jagħmlu sottomissjonijiet finali. Ir-risposti tal-Ministri huma annessi bħala d-**Dokumenti F sa I**.

13. Il-**Ministru Anton Refalo** qal li Dr Maxilene Bonett tispeċjalizza fil-liġi tal-propjetà, u għaldaqstant hija persuna kwalifikata biex tassisti lill-ministeru tiegħu f'materji tekniċi relatati, bħal-leġiżlazzjoni li tħejjiet dwar l-użu tal-art agrikola u l-liġijiet sussidjarji li qed jiddaħħlu b'rabta magħha.

14. Il-**Ministru Silvio Schembri** qal li s-Sinjura Remenda Grech u s-Sinjura Claudia Cuschieri huma persuni ta' integrità, kwalifikati sal-livell ta' masters, u b'esperjenza ta' diversi snin fl-amministrazzjoni pubblika. Qal li m'hemm xejn fil-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinet u l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jitlob l-esklużjoni tagħhom, u mhux ġust li individwu ma jiġix kunsidrat għal kariga pubblika għaliex ikun qarib ta' ministru jew membru parlamentari.

15. Il-**Ministru Miriam Dalli** osservat li s-Sa Joanne Galdes inħatret għall-ewwel darba bħala direttur fuq il-bord tal-WasteServ minn Ministru differenti. Il-ħatra tas-Sa Galdes iġġeddet taħt il-Ministru Dalli għaliex bħala Ministru, hija kienet sodisfatta bil-prestazzjoni tas-Sa Galdes u ma kien hemm ebda raġuni valida għalfejn ma kellhiex tinħatar mill-ġdid. Il-Ministru qalet ukoll li mkien fil-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett u l-kodiċi ta' etika ministerjali ma hemm bażi biex teskludi lis-Sa Galdes mill-kariga tagħha.

16. Il-**Ministru Jonathan Attard** qal li Dr Deborah Camilleri ġiet ingaġġata bħala Avukat għall-Għajnuna Legali wara li wieġbet sejħa għall-applikazzjonijiet maħruġa mill-aġenzija Legal Aid Malta tramite l-Kamra tal-Avukati. Kien hemm proċess tal-għażla minn bord kompost apposta li wassal biex il-bord jagħmel rakkomandazzjoni lill-Ministru. Ir-rakkomandazzjoni ġiet milqugħa fl-intier tagħha.

**Konsiderazzjonijiet**

17. L-artikolu 8.6 tal-kodiċi ta' etika ministerjali jgħid "*Ebda Ministru m'għandu jieħu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jolqtu membri tal-familja tiegħu, persuni oħra qrib tiegħu* [...]". Dan l-artikolu ma japplikax għall-ħatriet hawn taħt konsiderazzjoni. Għalhekk dan il-każ għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-artikoli 4.5, 5.3, 5.4 u 7.7 tal-istess kodiċi, li huma riprodotti fuq.

18. Fil-fehma tiegħi għandu jkun hemm distinzjoni bejn ħatriet ta' konsulenti ma' Ministri u ħatriet ta' persuni fuq il-varji bordijiet. Meta jinħatar konsulent, huwa naturalment importanti li tali konsulent ikun espert fil-mansjoni illi nħatar fiha, apparti li jkollu l-fiduċja tal-Ministru konċernat.

19. L-aktar każ minn dawk imsemmija illi m'għandux bżonn wisq indaġni huwa fil-fehma tiegħi dak ta' Dr Deborah Camilleri bħala Avukat tal-Għajnuna Legali. Jekk wieħed iħares lejn il-lista tal-Avukati tal-Għajnuna Legali li tidher perjodikament fil-Gazzetta tal-Gvern isib li bħalissa hemm disgħa u ħamsin (59) avukat iservu bħala Avukati tal-Għajuna Legali. Għalhekk Dr Camilleri mhijiex qed tingħata xi privileġġ, u ladarba hija avukat bil-*warrant* relattiva, ma għandiex tkun imċaħħda milli sservi sempliċement għax hija mart Ministru. Inoltre jirriżulta wkoll li Dr Camilleri għaddiet minn skrutinju ta' bord tal-għażla.

20. Anke fil-ħatra ta' Dr Maxilene Bonett, il-Ministru konċernat kellu kull dritt jagħzel avukat tal-fiduċja tiegħu bħala konsulent. Ladarba Dr Bonett hija avukat bil-*warrant* li tipprattika, ma għandhiex tkun skwalifikata għax inżertat mara ta' Ministru. **Kwindi fir-rigward ta' dawn iż-żewġ Ministri Attard u Refalo ma jirriżulta ebda ksur ta' etika.**

21. Kwantu imbagħad għal ħatriet fuq bordijiet, kemm il-liġi u kemm il-prattika stabbilita tagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-Ministru konċernat. Dan jista' jwassal għal ħatriet li ma tantx ikunu jidhru bħala eżempji ta' meritokrazija, u jwessgħu il-perċezzjoni ta' favoritiżmu. Madankollu, għandu jkun hemm raġunijiet ċari u speċifiċi biex wieħed jiddetermina li ħatra partikolari hija abbużiva jew tirrappreżenta ksur ta' etika. Fin-nuqqas ta' kriterji għall-għażla ta' membri ta' bordijiet, m'hemm ebda bażi fuqiex wieħed jista' jasal għal konklużjoni bħal din fir-rigward tal-ħatriet taħt konsiderazzjoni hawn.

22. F' kaz ieħor u ċioè in-numru **K/022**, il-Kummissarju preċedenti ikkonkluda illi:

> *Bħala deputat parlamentari, l-Onor Dr Konrad Mizzi huwa marbut bil-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att. F'wieħed mill-ewwel rapporti li ppubblikajt, jiena rrakkomandajt li deputati parlamentari li ma jkunux ministri jew segretarji parlamentari m'għandhomx jibqgħu jingħataw karigi mal-gvern, inkluż bħala konsulenti, inter alia għaliex dan ipoġġihom f'konflitt ta' interess fl-irwol tagħhom bħala deputati li għandhom l-obbligu li jiskrutinizzaw l-operat tal-istess gvern.* ***Madankollu, bħalissa m'hemm ebda dispożizzjoni fil-kodiċi jew f'xi liġi li jżomm deputat parlamentari***

***milli jaċċetta tali kariga.*** *Għaldaqstant m'hemmx bażi fuqiex nista' ninvestiga lil Dr Mizzi.* [Enfasi mizjuda mill-esponent].[3]

23. Dak li huwa applikabbli fil-każ appena ċitat japplika wisq aktar fir-rigward ta' sieħba jew sieħeb ta' membru tal-eżekuttiv. Bl-istess mod m'hemmx bażi biex il-Ministru li għamel il-ħatra jinstab ħati ta' ksur ta' etika f'dak ir-rigward.

**Konklużjonijiet**

24. Għalhekk, in konklużjoni, u in mankanza ta' provvedimenti espliċiti fir-rigward fil-Kodiċi tal-Etika relattiv, l-esponent ma jsib ebda ksur ta' etika fir-rigward tal-Ministri konċernati u jagħlaq il-każ b'dan il-mod.

25. Kopji ta' dan ir-rapport se jintbagħtu lill-Ilmentatur, lill-Ministri konċernati, u lill-Kumitat Parlamentari għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed fuq il-website tal-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

3 Paragrafu 5 tar-rapport dwar il-każ K/022, maħruġ fil-5 ta' Ottubru 2020 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K022.pdf.

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 2 ta' Marzu 2023 mingħand il-Prof Arnold Cassola |
| Dokument B | Ittra datata 18 ta' Settembru 2023 mingħand il-Ministru Anton Refalo |
| Dokument Ċ | Ittra datata 18 ta' Settembru 2023 mingħand il-Ministru Silvio Schembri |
| Dokument D | Ittra datata 20 ta' Settembru 2023 mingħand il-Ministru Miriam Dalli |
| Dokument E | Ittra datata 22 ta' Settembru 2023 mingħand il-Ministru Jonathan Attard |
| Dokument F | Ittra datata 6 ta' Ġunju 2024 mingħand il-Ministru Silvio Schembri |
| Dokument G | Ittra datata 17 ta' Ġunju 2024 mingħand il-Ministru Miriam Dalli |
| Dokument H | Ittra datata 17 ta' Ġunju 2024 mingħand il-Ministru Jonathan Attard |
| Dokument I | Ittra datata 20 ta' Ġunju 2024 mingħand il-Ministru Anton Refalo |

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Talba Investigazzjoni Ministri Miriam Dalli u Roderick Galdes
**Date:** 02 March 2023 10:40:43

Ghaziz futur Kummissarju tal-Istandards

Nixtieqek tinvestiga l-mod sfaccat li bih dawn il-ministri jidhlu f'komplicita' bejniethom biex jahtru qraba taghhom bhala diretturi ta' entitajiet tal-gvern.
Jiddiehqu bl-ispirtu tal-Kodici ta' etika tal- ministri u jitmejlu f'wiccna t-taxpayers, waqt li jixorbulna t-taxxi taghna halli jzoqqu lil qrabathom.
Nepotizmu li lanqas kont issibu fiz-Zimbabwe ta' Mugabe.
Artiklu mix-shiftnews mehmuz.

https://theshiftnews.com/2023/03/02/what-ministerial-code-of-ethics-dalli-makes-galdes-wife-a-wasteserv-director/

Tislijiet,

Arnold Cassola

DOKUMENT B

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta, VLT 1210,
Malta

18 ta' Settembru 2023

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

Qiegħed niktiblek b'referenza għal korrispondenza mibgħuta minnek fit-22 ta' Awwissu 2023 dwar *Ilment nru 145 dwar ħatriet allegatament abbużivi ta' qraba ta' ministri.*

Il-Manwal tal-Kabinett jagħmel referenza għal dawn il-ħatriet u jesiġi li jsiru b'konformità mal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures* ippubblikat mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni. Dawn il-proċeduri ġew segwiti fil-każ li qed issir referenza għalih fl-ittra tiegħek.

Dott Maxilene Bonett tispeċjalizza fil-liġi tal-proprjetà u għaldaqstant hija persuna kwalifikata u b'esperjenza biżżejjed sabiex tassisti lill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali f'materji tekniċi li jikkonċernaw dan is-suġġett, fost temi legali oħra. Dawn il-ħiliet huma speċifikament bżonnjużi għall-Ministeru, partikolarment fid-dawl tal-leġiżlazzjoni li tħejjiet fl-aħħar xhur dwar l-użu tal-art agrikola u l-liġijiet sussidjarji li qed jiddaħħlu b'rabta magħha.

L-ilment jonqos milli jipprovdi ġustifikazzjonijiet għaliex Dott Bonett ma hijiex addattata sabiex taqdi dan l-irwol. Għaldaqstant, u ġaladarba ma hemm l-ebda bażi fil-Kodiċi tal-Etika li tipprekludi ministru milli jaħtar konsulenti fuq bażi tal-kompetenza tagħhom, ma jistax jingħad li kien hemm ksur ta' artikolu 7.7 tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri. Il-ġustifikazzjonijiet marbutin mal-ħatra jikkonfermaw ukoll li l-Ministru ma kiser jew injora l-ebda mit-tliet artikoli l-oħra msemmija fl-ittra tiegħek.

Finalment, nitolbok tikkunsidra wkoll li mkien fl-ilment li rċieva l-Uffiċċju tiegħek ma ingħatat xi prova ta' kompliċità, hekk kif qed jiġi allegat, bejni u bejn ministri oħra sabiex saret din il-ħatra. Lanqas hemm xi forma ta' indikazzjoni li jiena mxejt b'nuqqas ta' diliġenza, għaqal jew oġġettività meta ħadt din id-deċiżjoni. Din allura ma hija xejn għajr allegazzjoni oħra infondata u li qed tintuża b'mod selettiv sabiex toħloq dubju, fejn dubju ma hemmx, fuq il-ħatra ta' persuna li għandha l-ħiliet neċessarji għal pożizzjoniji in kwistjoni.

Quddiem dawn ir-raġunijiet kollha, inħoss li dan l-ilment huwa bbażat fuq suppożizzjonijiet u konklużjonijiet li huma lil hinn mill-fatti.

Tislijiet

**Onor Anton Refalo**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta, VLT 1210,
Malta

18 ta' Settembru 2023

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

Qiegħed niktiblek b'referenza għal korrispondenza mibgħuta minnek fit-22 ta' Awwissu 2023 dwar *Ilment nru 145 dwar ħatriet allegatament abbużivi ta' qraba ta' ministri*.

Sezzjoni 5.4 tal-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett tgħid li fejn ma hemmx liġi li tirregola l-ħatriet ta' *chairpersons* u membri ta' kumitati u bordijiet tal-Gvern, entitajiet governattivi u kumpaniji li fihom il-Gvern għandu ishma, il-ħatriet għandhom isiru mill-ministru responsabbli minnhom.

Il-Manwal jobbliga wkoll lill-Ministri sabiex jinnominaw individwi 'li jistgħu jagħtu kontribut effettiv fit-tmexxija u fit-twettiq tal-programm tal-Gvern'. Dan il-prinċipju huwa rifless ukoll f'artikolu 7.7 tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri hekk kif ċitat fl-ittra tiegħek.

Il-persuni li għalihom issir referenza fl-ittra tiegħek huma persuni ta' integrità, kwalifikati u b'esperjenza ta' diversi snin fl-amministrazzjoni pubblika. Kemm fis-snin li għaddew u fl-irwoli kurrenti tagħhom urew kapaċità fit-tmexxija u fil-fatt imkien fl-ilment ma qed jiġi kkontestat il-potenzjal li għandhom dawn il-persuni. Għaldaqstant, nistqarr li l-artikolu 7.7 tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri dejjem ġie rrispettat. Barra minn hekk, il-ħatriet tagħhom saru b'mod diliġenti u oġġettiv hekk kif jitolbu artikoli 5.3 u 5.4 tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri.

Imkien fil-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett u l-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri ma hemm bażi li teskludi lil dawn il-persuni kompetenti milli jservu f'kumitati u bordijiet tal-Gvern, entitajiet governattivi u kumpaniji li fihom il-Gvern għandu ishma. Fl-aħħar mill-aħħar dawn huma biss żewġ individwi minn lista twila ta' ċittadini Maltin u Għawdxin li jagħtu s-servizz tagħhom f'dawn l-organi tal-Gvern.

Kordjalment niġbed ukoll l-attenzjoni tiegħek li mkien fl-ilment li rċieva l-Uffiċċju tiegħek ma hemm xi prova ta' kompliċità, hekk kif qed jiġi allegat, bejni u bejn ministri oħra sabiex saru dawn il-ħatriet. Din allura ma hija xejn għajr allegazzjoni oħra infondata u li qed tintuża b'mod selettiv sabiex toħloq dubju, fejn dubju ma hemmx, fuq il-ħatra ta' żewġ persuni li għandhom il-ħiliet neċessarji għal pożizzjonijiet in kwistjoni.

Għaldaqstant, nikkonkludi li dan l-ilment huwa wieħed bla bażi u li fl-opinjoni umli tiegħi ma jagħti lok għall-ebda investigazzjoni.

**Onor Silvio Schembri**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

DOKUMENT D

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTER FOR THE ENVIRONMENT,
ENERGY AND ENTERPRISE

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Uffiċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta
VLT1210, Malta

Illum, 20 ta' Settembru 2023

**Re: Ilment nru 145 dwar il-ħatriet allegatament abbużivi ta' qraba ta' ministri**

Sur Kummissarju,

Nirringrazzjak ta' l-ittra tiegħek datata 22 t'Awwissu 2023 u d-dokumenti mehmuża.

Ġejt mitluba ngħati l-kummenti tiegħi b'mod ġenerali dwar l-ilment, kif ukoll sabiex ngħati l-kunsiderazzjonijiet li wasslu għall-ħatra tas-Sinjura Joanne Galdes bħala membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Wasteserv Ltd.

Is-Sinjura Joanne Galdes inħattret għall-ewwel darba bħala Direttur fuq il-Bord tal-Kumpanija Wasteserv (Malta) Ltd nhar is-7 ta' Settembru 2021, mill-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar. Il-ħatra kienet effettiva sal-4 t'April 2022, u ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern *tramite* notifikazzjoni li ġġib in-numru 1187 (anness bħala Dok 'A').

Illi, jiena bdejt nokkupa l-kariga ta' Ministru għall-Ambjent, Enerġija u Intrapriża, fl-erbatax-il leġiżlatura u ċioè fit-30 ta' Marzu 2022. Għaldaqstant, jiġi ppreċiżat illi s-Sinjura Joanne Galdes inħattret f'tali pożizzjoni mill-Ministru illi kien responsabbli mill-Ambjent fit-tlettax-il leġiżlatura, li m'huwiex jiena.

Magħdud dan, s-Sinjura Joanne Galdes ġiet appuntata mill-ġdid sabiex isservi bħala Direttur fuq dan il-Bord nhar l-01 ta' Settembru 2022.

Illi, bħala Ministru għall-Ambjent, Enerġija u Intrapriża jiena kont sodisfatta bil-prestazzjoni tas-Sinjura Galdes fl-irwol fdat lilha u għaldaqstant ma kienet teżisti ebda raġuni valida sabiex tali riappuntament ma jsirx.

Jirriżulta wkoll li mkien fil-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett u l-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri ma hemm bażi li teskludi lil din il-persuna milli sservi fil-bord li bħalissa qed taqdi dmirha fih. Għaldaqstant, kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed fuq l-irwol tagħha għandha tkun ibbażata fuq il-kompetenza u l-integrità tagħha hekk kif mitlub f'dawn iż-żewġ dokumenti.

Fid-dawl ta' dan kollu u l-kronoloġija ta' kif seħħew l-affarijiet, inħoss li m'hemmx fatti li jikkorrispondu mal-allegazzjonijiet li saru fl-ilment jew xi ksur ta' xi artikolu jew ieħor mill-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri.

Filwaqt illi nispera illi din it-tweġiba tkopri kull aspett tal-kweziti tiegħek nibqa' dejjem għad-disposizzjoni tiegħek.

Inselli għalik,

**Onor. Dott Miriam Dalli**
Ministru għall-Ambjent, Enerġija u Intrapriża

Barriera Wharf, Valletta, Malta
T +356 2291 7332 E miriam.dalli@gov.mt

www.energy.gov.mt

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1187**

**MINISTRU GĦALL-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR**

**Bord tad-Diretturi ta' Wasteserv (Malta) Ltd**

IKUN magħruf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar approva l-ħatra tas-Sa Joanne Galdes sabiex isservi bħala membru fuq il-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija Wasteserv (Malta) Ltd minflok is-Sa Gail Demanuele.

Din il-ħatra hija effettiva mill-1 ta' Settembru, 2021 sal-4 ta' April, 2022.

Is-7 ta' Settembru, 2021

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1187**

**MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, CLIMATE CHANGE AND PLANNING**

**Board of Directors of Wasteserv (Malta) Ltd**

IT is notified for general information that the Minister for the Environment, Climate Change and Planning has approved the appointment of Ms Joanne Galdes to serve as member on the Board of Directors of Wasteserv (Malta) Ltd in lieu of Ms Gail Demanuele.

This appointment is effective from the 1st September, 2021 up to the 4th April, 2022.

7th September, 2021

DOKUMENT E

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR JUSTICE

22 ta' Settembru 2023

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Prim Imħallef Emeritu,

**Ilment nru 145 dwar ħatriet allegatament abbużivi ta' qraba ta' ministri**

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 22 t'Awwissu 2023, dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi, partikolarment għall-ħatra ta' Dr Deborah Camilleri bħala avukat għall-għajnuna legali ma' Legal Aid Malta, aġenzija li taqa' taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Ġustizzja.

Ninfurmak illi fid-29 t'Ottubru 2020, din l-Aġenzija, tramite l-Kamra tal-Avukati, kienet ħarġet sejħa għas-servizzi ta' Avukati għall-Għajnuna Legali f'materji kriminali u ċivili, biex iservu kemm f'Malta kif ukoll, f'Għawdex, liem sejħa kienet tagħlaq fl-10 ta' Novembru 2020. Din is-sejħa kienet ukoll reklamata fuq il-webpage tal-Aġenzija.

Dr Deborah Camilleri, kienet waħda mill-5 applikanti li tefgħet l-applikazzjoni tagħha sabiex isservi bħala avukat għall-għajnuna legali f'Għawdex.

L-ingaġġ ta' Dr Camilleri u l-kumplament tal-avukati li intagħżlu biex iservu bħala avukati tal-għajnuna legali sar wara sejħa kompetittiva u proċess ta' għażla minn Bord kompost apposta, li ra li kull avukat jkollu r-rekwiżiti kollha, inkluż il-kompetenza u l-esperjenza sabiex jingħata servizz ta' għajnuna legali lill-klijenti li jiġu bżonn is-servizz mill-Aġenzija LegalAid Malta. Dan il-proċess wassal biex dan l-istess bord jagħmel rakomandazzjoni lill-Ministru u liema rakomandazzjoni ġiet milqugħha fl-intier tagħha.

Dan il-proċess t'ingaġġ segwa l-proċeduri kollha stabbiliti fil-PSMC (Public Service Management Code). Ippermettili niġbed l-attenzjoni li ma kien hemm l-ebda appell

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR JUSTICE

dwar il-proċess tal-għażla minn xi applikant li wera x-xewqa li joffri s-servizz ta' għajnuna legali.

Inħoss li l-ingaġġ ta' Dr Deborah Camilleri biex tagħti servizz ta' għajnuna legali lill-Aġenzija kien wieħed ġust u bbażat fuq il-mertu u l-kapaċitajiet tagħha u fl-ebda ħin ma nħoss li dan l-ingaġġ kien wieħed abbużiv jew kiser xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika indikati minnek.

Għaldaqstant, filwaqt li nibqa' għad-disposizzjoni tiegħek jekk ikun il-każ, inħoss li dan l-ilment fil-konfront tiegħi bħala Ministru huwa wieħed infondat.

Tislijiet,

Dr Jonathan Attard

Ministru għall-Ġustizzja.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta, VLT 1210,
Malta

6 ta' Ġunju 2024

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi,

Qiegħed niktiblek b'referenza għall-korrispondenza mibgħuta minnek fil-25 ta' April 2024, u d-dokumenti hemm annessi, li ssegwi l-korrispondenza oriġinali datata 22 ta' Awwissu 2023 u l-ewwel risposta tiegħi tat-18 ta' Settembru 2023, ilkoll fir-rigward ta' *Ilment nru 145 dwar ħatriet allegatament abbużivi ta' qraba ta' ministri*.

Nibda billi nirreferi għall-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap 570 tal-liġijiet ta' Malta) kwotat fil-korrispondenza tiegħek fil-kuntest tad-dritt tiegħi li ningħata aċċess għall-provi, u t-tliet ittri tal-kollegi Ministri Anton Refalo, Miriam Dalli u Jonathan Attard li huma annessi għall-finijiet ta' dak l-artikolu. Minn dan, jien nifhem li dawn l-ittri huma l-uniċi provi li hemm b'rabta mal-investigazzjoni li l-uffiċju tiegħek għoġbu jagħmel fil-konfront tiegħi, wara l-imsemmi lment. Filwaqt li jekk dan hu minnu nikkonferma l-fehma li l-ilment in kwistjoni huwa mingħajr bażi u ma hemm ebda prova ta' dak allegat fl-ilment, nitolbok tikkonferma li qed nifhem korrettament u, jekk le, nitolbok tindika l-provi l-oħra kollha u kif jista' jkolli aċċess għalihom.

Nirringrazzjak ukoll għall-istedina li nagħmel sottomissjonijiet dwar din il-kwistjoni, u għaldaqstant ser nagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Nibda billi npoġġi l-ħatra ta' dawn iż-żewġ individwi fil-kuntest tal-ħatriet li jaqgħu fil-kompetenza tiegħi. Ngħid illi met wieħed iqis l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Ekonomija, Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, jiena responsabbli għall-ħatra ta' mhux inqas minn 360 individwu fuq bordijiet u/jew ma entitajiet pubbliċi jew Governattivi. Għalhekk, il-ħatra ta' dawn iż-żewġ individwi jikkomprendi $\frac{1}{180}$, jew 0.55% mill-ħatriet li jien nagħmel. Ċertament dan ma jistax iwassal għall-konklużjoni li – jekk kemm 'il darba hemm, kif qed jiġi allegat, teżisti xi kompliċita' bejn Ministri dwar il-ħatriet li jagħmlu – jien parteċipi f'tali allegata kompliċita'.

Bl-istess mod, għandu jingħata kunsiderazzjoni lill-fatt li l'ebda membru tal-familja tiegħi jew persuni qraba tiegħi ma huma maħtura fuq bordijiet tal-gvern. Dan ukoll juri b'mod ċar illi ma jista' qatt ikun il-każ illi jien involut f'din l-allegata kompliċita' li, nerġa nisħaq, m'għandi ebda dubju li ma teżistix.

Għandu jingħad li dawn iż-żewġ membri ġew appuntati bħala membri tal-bord ta' Kordin Grain Terminal abbażi tal-esperjenza tagħhom, kemm fi strutturi tal-Gvern kif ukoll fis-settur soċjali. Dan tal-aħħar huwa aspett importanti ferm f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet ta' Kordin Grain Terminal,  peress li wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' din l-intrapriża huwa l tipprovdi ħażna għal *grains* u għalf għall-annimali, għal ħlas. L-ispiża li l-intrapriżi klijenti ta' Kordin Grain Terminal jinkorru għas-servizz ta' ħażna eventwalment tiġi riflessa fil prezzijiet tal-prodotti tagħhom, u ċioe' materja prima essenzjali għall-ikel, bħal dqiq u l-għalf għall-annimali, li jintużaw sabiex jitpoġġew fuq is-suq prodotti bħal ħobż u laħam, fost oħrajn.

Minbarra l-fatt illi dawn l-individwi jissodisfaw il-kriterji sabiex jaqdu l-funzjoni ta' direttur ta' kumpannija, għandhom ukoll ħiliet partikulari li tgawdi minnhom Kordin Grain Terminal.

Is-Sinjura Remenda Grech hija gradwata baċellerat fis-*social work* kif wkoll *masters* fil-medjazzjoni mill-Università ta' Malta. Għal dawn l-aħħar 19 -il sena s-Sinjura Grech ħadmet f'entitajiet Governattivi f'diversi karigi għolja, inkluż bħala direttur tal-*Foundation for Social Welfare Services* għal dawn l-aħħar 4 snin. L-esperjenza tas-Sinjura Grech tpoġġiha f'pożizzjoni b'saħħitha sabiex tagħti kontribut siewi għal deċiżjonijiet li jittieħdu fuq livell ta' bord tal-Kordin Grain Terminal u fl-istess ħin iżżomm quddiem għajnejha l-aspett soċjali li, kif spjegat qabel, hija kunsiderazzjoni ewlenija tal-intrapriża minħabba l-implikazzjonijiet li għandha fuq prodotti essenzjali għall-konsumaturi lokali.

Is-Sinjura Claudia Cuschieri hija gradwata baċellerat fil-komunikazzjoni u *masters* fil-*business administration*, u ilha għal dawn l-aħħar 12 -il sena taħdem fil-midja u komunikazzjoni, kwalità u għarfien li joffru vantaġġ u benefiċċju għal kwalunkwe intrapriża. L-esperjenza tas-Sinjura Cuschieri, kemm mill-aspett akkademiku kif wkoll fil-prattika tax-xogħol huma siewja għaliex hija l-persuna li tista' mhux biss tikkontribwixxi fid-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-bord, iżda wkoll li tiggwidah fil-mod ta' kif dawn id-deċiżjonijiet jiġu komunikati, kemm internament u pubblikament.

F'dan il-kuntest jingħad li lanqas huwa ġust li, għaliex individwu jkun membru tal-familja, jew qarib, ta' Ministru jew Membru Parlamentari għandu jiġi eskluż milli jiġi kunsidrat għal ħatra fuq bord ta' entitajiet pubbliċi jew kariga pubblika oħra, kif donnu qed jiġi mistenni mil-lanjant.

Daqstant ieħor mhux korrett li dawn l-individwi jiġu żvantaġġati billi jkun mistenni li jkunu soġġettati għal livell ta' kwalifika u kompetenza li hija iżjed għolja minn individwi oħra, biss għaliex huma familjari jew qraba ta' Ministru jew Membru Parlamentari – dan ma jkun xejn ħlief diskriminazzjoni diretta kontra dawn in-nies.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq, nerġa umilment insostni li dan l-ilment fil-konfront tiegħi bħala Ministru huwa wieħed mingħajr bażi fattwali, imfassal biss fuq spekulazzjonijiet u konġetturi.

Minkejja dan, nibqa għad-dispożizzjoni tiegħek kemm -il darba tkun meħtieġa informazzjoni ulterjuri, jew xi kjarifika min-naħa tiegħi.

Inselli għalik,

Onor. Silvio Schembri
Ministru għall-Ekonomija, Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

DOKUMENT G

GVERN TA' MALTA
MINISTRU GĦALL-AMBJENT,
L-ENERĠIJA U R-REĠENERAZZJONI
TAL-PORT IL-KBIR

17 ta' Ġunju 2024

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Prim Imħallef Emeritu,

**Ilment nru 145 dwar ħatriet allegatament abbużivi ta' qraba ta' ministri**

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 22 ta' Awwissu 2023, l-ittra tiegħi tal-20 ta' Settembru 2023, l-ittra tiegħek tal-25 ta' April, ir-risposta b'talba għal kjarifika minni interposta sussegwentement datata 24 ta' Mejju u l-konferma tiegħek illi l-uniċi provi f'dan il-każ huma ittri miġbura partikolarment dwar it-tiġdid tan-nomina ta' Joanne Galdes bħala direttur fuq il-bord tal-WasteServ.

In vista tal-konferma tiegħek li l-ittri ta' l-Onor Ministru Silvio Schembri, l-Onor Ministru Anton Refalo u l-Onor Ministru Jonathan Attard, huma l-uniċi provi miġbura fil-każ hawn fuq imsemmi, umilment nissottometti illi ma hemm ebda ħjiel, lanqas b'xi ġinnastika legali, li b'xi mod tista' tikkonferma dak allegat fl-artikolu. Infakkar illi Joanne Galdes kienet nominata fuq il-bord ta' WasteServ fis-7 ta' Settembru 2021, b'dana illi l-ħatra ġiet effettiva mill-1 ta' Settembru 2021 u dana qabel ma ngħatajt il-portafoll tal-ambjent kif elenkat fir-risposta tal-20 ta' Settembru 2023.

Daqstant għandi x'nissottometti.

Tislijiet,

Hon Dr. Miriam Dalli

Ministru Ghall-Ambjent, L-Energija U R-Rigenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Xatt il-Barriera , Valletta, Malta
T +356 2291 7332 E miriam.dalli@gov.mt

www.sostenibilita.gov.mt

DOKUMENT H

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA
U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

17 ta' Ġunju 2024

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Prim Imħallef Emeritu,

**Każ K/059 – Ilment nru 145 dwar ħatriet allegatament abbużivi ta' qraba ta' ministri**

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 25 t'April 2024 u l-ittri preċedenti datati 22 t'Awwissu 2023 u 22 ta' Settembru 2023 u l-korrispondenza datata 28 ta' Mejju 2024 rispettivament dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi, partikolarment għall-ħatra ta' Dr Deborah Camilleri bħala avukat għall-għajnuna legali ma' Legal Aid Malta, aġenzija li taqa' taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

Nirreferi ukoll għall-ittri mehmuża mal-ittra tiegħek datata 25 t'April 2024 preżentati mill-Ministri rispettivi u ċioe' l-Onor Ministru Silvio Schembri, l-Onor Ministru Anton Refalo u l-Onor Ministru Miriam Dalli, li fil-korrispondenza tiegħek ikkonfermajt li huma l-uniċi provi miġbura fil-każ hawn fuq imsemmi.

Illi in vista ta' suespost, umilment nissottometti illi ma hemm ebda ħjiel u bażi legali, li dan l-ingaġġ kien wieħed abbużiv jew kiser xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Infakkar li dan il-proċess t'ingaġġ, li sar lura fl-2020, segwa l-proċeduri kollha stabbiliti fil-PSMC (Public Service Management Code).

Daqstant f'dan l-istadju m'għandiex provi ulterjuri x'nippreżenta.

Tislijiet,

Dr Jonathan Attard

Ministru għall-Ġustizzja
u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

DOKUMENT I

20 ta' Ġunju 2024

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Prim Imħallef Emeritu,

Każ K/059 - Ilment nru 145 dwar ħatriet allegatament abbużivi ta' qraba ta' Ministri

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 25 ta' April 2024 u l-ittri preċedenti datati 22 ta' Awwissu 2023 u 18 ta' Settembru 2023 u l-korrispondenza datata 28 ta' Mejju 2024 rispettivament dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi, partikolarment għall-ħatra ta' Dr. Maxilene Bonett bħala konsulenta fil-Ministeru għall-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

Nirreferi wkoll għall-ittri mehmuża mal-ittra tiegħek datata 25 ta' April 2024 preżentati mill-Ministri rispettivi u ċioe' l-Onor. Ministru Silvio Schembri, l-Onor Ministru Jonathan Attard u l-Onor. Ministru Miriam Dalli, li fil-korrispondenza tiegħek ikkonfermajt li huma l-uniċi provi miġbura fil-każ hawn fuq imsemmi.

Għaldaqstant, umilment nissottometti li, m'hemm l-ebda ħjiel u bażi legali, li dan l-ingaġġ kien wieħed abbużiv jew kiser xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Illi in vista ta' suespost nikkonferma li f'dan l-istadju m'għandiex provi ulterjuri x'nippreżenta.

Tislijiet,

Dr Anton Refalo
Ministru għall-Agrikoltura,
s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Pinto Business Centre, Level 3, Triq il-Mitħna, Qormi QRM 3104 – Malta
t: +356 22924930 | www.agrikoltura.gov.mt